**BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA'**

**CHAIRMAN DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Numru 6/2022 SG**

**John Vella (ID 669149M)**
**Emanuel sive Noel Vella (ID 813156M)**
**Maria mart Raymond Darmenia (ID 177653M)**

**Vs**

**Salvatore Grima (ID 502042M)**
**Maria armla ta' Emanuel Grima (ID 954147M)**
**Lino u Miriam konjuġi Grima (ID 61468M u 344972M rispettivament)**

**Illum, 4 ta' Lulju, 2023**

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' John Vella et ippreżentat fl-14 ta' Ġunju, 2022, fejn ġie premess is-segwenti:

*"Illi huma jikru lill-intimati porzjoni raba' magħrufa bħala Ta' Wied Qannotta jew Ta' Qalet il-Ħalib fl-inħawi tal-Wardija limiti ta' San Pawl il-Baħar ta' kejl superfiċjali ta' 7475m2 ekwivalenti għal 6.65T aċċessibbli minn Triq Wied Qannotta liema raba' hija murija fuq il-pjanta hawn annessa Dokument A.*

*Illi l-qbiela relattiva għal din il-porzjoni art hija ta' ftit inqas minn €14 fis-sena.*

*Illi l-esponenti jridu jbiddlu l-kondizzjonijiet tal-qbiela billi:*

1. *Il-kirja tkun għal-perjodu fiss li jiskadi fil-15 t'Awwissu 2023 u l-kirja ma tiġġeddidx; u*
2. *Sakemm il-propjeta' tiġi mogħtija lir-rikorrenti, il-kumpens ossia qbiela tal-istess tkun ta' €500 fis-sena għal kull tomna raba' li huwa valur relatat mal-valur tal-propjeta' fis-suq liberu.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord jogħġbu:*

i. *Jawtorizza l-bdil fil-kundizzjonijiet tal-kirja fuq imsemmija taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri oħra li hemm pendenti fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).*

Ra r-risposta ta' Salvatore Grima, Lino u Miriam konjuġi Grima, ippreżentata fl-24 ta' Awwissu, 2022, fejn ġie eċċepiet :

*"1. Illi in linea preliminari, ir-rikors promotur huwa irritwu u null stante illi ma jikkontjenix ir-rekwiżiti kif stipulati fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-bdil li r-rikorrenti qegħdin effetivament jitolbu huwa ekwivalenti għal talba għan-nuqqas ta' tiġdid tal-kirja;*

*2. Illi in linea preliminari, u mingħajr preġudizzju għall-premess, r-rikors promotur huwa irritwu u null stante illi effettivament jikkonsisti f'azzjoni għan-nuqqas ta' tiġdid tal-kirja (abbażi tal-artikolu 4 tal-Kap. 199) li qed tiġi travestita taħt dispożizzjoni u azzjoni differenti ossia dik għat-tibdil ta' kondizzjonijiet ta' kirja (ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap. 199). Illi electa una via non datum recursus ad alteram u b'hekk in-nuqqas ta' tiġdid ta' kirja ma jistax jintalab f'azzjoni għat-tibdil ta' kondizzjonijiet tal-kirja;*

*3. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*4. Illi assolutament ma hemmx lok ai termini tal-liġi sabiex jiġi awtorizzat xi forma ta' bdil kwalsijasi fil-kondizzjonijiet tal-kirja de quo;*

*5. Illi l-kondizzjonijiet ġodda kif proposti ma humiex legalment sostenibbli;*

*6. Illi ma hemm ebda bdil fiċ-ċirkostanzi tal-kirja u/jew tal-partijiet illi jimmerita xi bdil fil-kundizzjonijiet ta' din il-kirja;*

*7. Illi ċertasment l-anqas ma huma sodisfatti fir-rekwiżiti tal-liġi sabiex jiġi stipulate illi din il-kirja ma għandiex tibqa' tiġġedded;*

*8. Illi l-anqas ma huma sodisfatti ir-rekwiżiti tal-liġi li jimmerita illi jiġi stipulate xi forma ta' awment fil-qbiela odjerna;*

*Għalhekk, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Ra r-risposta ta' Marija Grima ppreżentata fis-17 ta' Jannar, 2023, fejn ġie eċċepiet:

*"1. Illi r-rikors promotur huwa null ghaliex ma ghandux ir-rekwiżiti kif stipulati fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tal-Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi r-rikors promotur huwa null ghaliex jikkonsisti f'azzjoni għar-ripresa skont l-artikolu 4 tal-Kap. 199, tal-Liġijiet ta' Malta, mibdula f'azzjoni għat-tibdil ta' kondizzjonijiet ta' kirja (skont l-artikolu 3 tal-Kap. 199). Illi electa una via non datum recursus ad alteram u b'hekk in-nuqqas ta' tiġdid ta' kirja ma jistax jintalab f'azzjoni għat-tibdil ta' kondizzjonijiet ta' kirja;*

*3. Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda ghaliex:*

*a) ma hemmx lok skont il-liġi sabiex jiġi awtorizzat xi bdil fil-kondizzjonijiet tal-kiri bejn il-partijiet;*
*b) il-kondizzjonijiet ġodda ma humiex skont il-ligi;*
*c) ma hemmx lok skont il-ligi ghat-terminazzjoni tal-kiri jew bdil fil-kondizzjoniet tieghu jew xi zieda fil-kera;*
*Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Ra li din il-kawża ġiet differita għal sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati;

Sema' trattazzjoni dwar dawn l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidra:**

Permezz tal-ewwel eżżezzjoni tagħhom, qed tiġi eċċepita n-nullità ta' din l-azzjoni peress li r-rekwiżiti kif stipulati fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, ma humiex kontenuti fir-rikors promotur. Imbaghad fit-tieni eċċezzjoni, ġiet eċċepita n-nullità tar-rikors peress li r-rikors jikkontjeni azzjoni għal ripreża skont l-Artikolu 4 tal-Kap 199, mibdula f'azzjoni għal tibdil ta' kondizzjonijiet ta' kirja skont l-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiż-żmien meta ġiet ippreżentata din il-kawża, l-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, kien jistipola s-segwenti:

*(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, meta sid il-kera jkun irid jagħmel xi tibdil fil-kondizzjonijiet ta' kirja f'egħluq it-terminu tagħha, jekk ma jkunx sar ftehim bil-miktub mal-kerrej, hu għandu japplika lill-Bord permezz ta' rikors li jkun fih dettalji tat-tibdil propost, ippreżentat mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data li fiha t-terminu jagħlaq.*

*(2) Il-Bord ma għandu japprova ebda kondizzjonijiet ġodda li jkunu jinsabu f'xi rikors jekk jiġi ipprovat li –*

*(a) dawk il-kondizzjonijiet ġodda jkunu ġustifikati biss minħabba benefikati ta' natura permanenti li jkunu saru fir-raba', waqt il-perijodu ta' tmien snin minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, mill-kerrej stess jew minn membru tal-familja, mingħajr ma huma kienu taħt xi obbligu li jeffettwaw dawk il-benefikati; jew*

*(b) dawk il-kondizzjonijiet ġodda jkunu ġustifikati biss minħabba benefikati ta' natura permanenti li jkunu saru fir-raba' bl-użu ta' fondi provduti mill-Gvern jew f'isem il-Gvern fil-forma ta' għotja jew f'xi forma oħra li, salv it-tħaris tal-kondizzjonijiet li jirregolaw il-provvista ta' dawk il-fondi, ma timplikax ħlas lura; jew*

*(ċ) dawk il-kondizzjonijiet ġodda ma jkunux ekwi għal paragun ma' kondizzjonijiet ta' kiri li jkunu jeżistu f'egħlieqi paragunabbli fl-istess parti tal-Gżira, wara li jittieħed kont prinċipalment tal-kwalità u profondità medja tal-ħamrija, tan-natura tal-art ta' taħt il-ħamrija, tad-direzzjoni li fiha r-raba' mżerżaq ikun qiegħed faċċata, tal-aċċessibiltà għat-triq u d-distanza tiegħu mill-eqreb raħal.*

*(3) Il-Bord jista', minflok ma jiċħad il-kondizzjonijiet ġodda proposti minn sid il-kera, jimmodifikahom u japprovahom safejn ikunu ġustifikati bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li hemm fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tal-aħħar subartikolu qabel dan:*

*Iżda f'ebda każ ma għandhom dawk il-kondizzjonijiet ikunu anqas favorevoli għal sid il-kera minn dawk tal-aħħar kirja preċedenti.*

Matul is-smigħ ta' din il-kawża, daħlu in vigore emendi, b'dana illi preżenzjalment, l-Artikolu 3 illum jaqra s-segwenti:

*"3.(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, meta sid il-kera jkun irid jagħmel xi tibdil fil-kondizzjonijiet ta' kirja f'egħluq it-terminu tagħha, jekk ma jkunx sar ftehim bil-miktub mal-kerrej, hu għandu japplika lill-Bord permezz ta' rikors li jkun fih dettalji tat-tibdil propost, ippreżentat mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data li fiha t-terminu jagħlaq.*

*(2) Il-Bord ma għandu japprova ebda kondizzjonijiet ġodda li jkunu jinsabu f'xi rikors jekk jiġi ipprovat li –*

*(a) dawk il-kondizzjonijiet ġodda jkunu ġustifikati biss minħabba benefikati ta' natura permanenti li jkunu saru fir-raba', waqt il-perijodu ta' tmien snin minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, mill-kerrej stess jew minn membru tal-familja, mingħajr ma huma kienu taħt xi obbligu li jeffettwaw dawk il-benefikati; jew*

*(b) dawk il-kondizzjonijiet ġodda jkunu ġustifikati biss minħabba benefikati ta' natura permanenti li jkunu saru fir-raba' bl-użu ta' fondi provduti mill-Gvern jew f'isem il-Gvern fil-forma ta' għotja jew f'xi forma oħra li, salv it-tħaris tal-kondizzjonijiet li jirregolaw il-provvista ta' dawk il-fondi, ma timplikax ħlas lura.*

*(2A) Meta t-tibdil fil-kondizzjonijiet ta' kirja taħt dan l-artikolu jkun jikkonsisti f'żieda fil-kera għandhom japplikaw d-dispożizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) is-sid għandu fir-rikors tiegħu jindika b'kemm għandha togħla l-kera;*

*(b) il-kerrej min-naħa tiegħu għandu jindika fir-risposta tiegħu kemm fil-fehma tiegħu għandha tkun il-kera ġusta;*

*(ċ) fis-sentenza finali tiegħu l-Bord għandu jistabbilixxi l-kera ġusta wara li jqis il-valur tar-raba' stmata bħala raba' għal użu agrikolu li jista' jinkiseb fuq is-suq miftuħ, il-mezzi tal-kerrej, iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjoni tar-raba' u kwalunkwe piż li jkun sproporzjonat għal sid il-kera;*

*(d) il-Bord jista' jistabbilixxi li kwalunkwe żieda fil-kera għandha tkun gradwali;*

*(e) il-kera kif riveduta mill-Bord ma għandhiex teċċedi wieħed punt ħamsa fil-mija (1.5%) fis-sena tal-valur tal-art libera u franka stabbilit skont il-paragrafu (ċ);*

*(f) meta r-raba' jinkludi razzett li jkun użat mill-kerrej bħala l-post ta' residenza unika tiegħu, il-kera għal dak ir-razzett waħdu ma għandhiex teċċedi tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur tar-razzett liberu u frank fis-suq miftuħ:*

*Iżda l-kerrej għandu jingħata l-għażla mill-Bord li ma jkomplix fil-kirja tar-razzett, u jkompli biss fil-kirja tar-raba' b'dik il-kera kif riveduta mill-Bord skont dan is-subartikolu;*

*(g) il-kera riveduta għandha tapplika għal perjodu ta' tmien (8) snin;*

*(h) il-kera għandha tibqa' l-istess wara l-għeluq tat-tmien (8) snin, sakemm ma jintlaħaqx ftehim mod ieħor bejn il-kerrej u sid il-kera, jew sakemm sid il-kera ma jerġax jitlob iż-żieda fil-kera skont dan l-artikolu.*

*(3) Il-Bord jista', minflok ma jiċħad il-kondizzjonijiet ġodda proposti minn sid il-kera, jimmodifikahom u japprovahom safejn ikunu ġustifikati bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li hemm fis-subartikoli (2) u (2A):*
*Iżda f'ebda każ ma għandhom dawk il-kondizzjonijiet ikunu anqas favorevoli għal sid il-kera minn dawk tal-aħħar kirja preċedenti."*

L-Artikolu 4(1) tal-Kap 199 tal-Liġijiet baqa' l-istess, kemm fiż-żmien meta ġiet ippreżentata l-kawża, u kif ukoll waqt is-smigħ ta' din il-kawża, u jaqra:

*"(1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, meta sid il-kera jkun irid jieħu lura l-pussess ta' xi raba', jekk il-kerrej ma jkunx ftiehem bil-miktub kemm dwar it-tmiem tal-lokazzjoni u kemm dwar il-kumpens dovut, huwa għandu japplika lill-Bord permezz ta' rikors li jkun fih –*

*(a) raġunijiet dettaljati l-għala jrid jieħu lura l-pussess, u*

*(b) talba għal-likwidazzjoni ta' kull kumpens li jkollu jitħallas skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu,u jiġi ippreżentat mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data li fiha tagħlaq il-kirja:*

*Iżda, meta xi kirja bħal dik ma tagħlaqx fil-15 ta' Awissuta' xi sena, ebda deċiżjoni li tapprova dak it-teħid lura ta' pussess ma għandha sseħħ qabel il-15 ta' Awissu li jiġi wara d-data tat-terminazzjoni tal-kirja korrenti."*

F'dan l-isfond, dan il-Bord jagħmilha ċara li huwa għandu jqies sew it-talbiet magħmula lilu mir-rikorrenti, fid-dawl tal-premessi tar-rikors promotur minnhom promossi. Dana qed jingħad peress li kif hu ben saput, Qorti (jew f' dan il-każ, il-Bord) hija marbuta mal-premessi u mat-talbiet magħmula lilha mir-rikorrenti. Huwa prinċipju sagrosant li l-ġudikant ċivili għandu fl-għoti tas-sentenza, joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni ta` bejn il-partijiet. U huwa ben risaput li s-sentenza tal-Qorti (jew f'dan il-każ il-Bord), għandha tirrispekkja t-talba tar-rikorrenti unikament, fid-dawl tan-nota ta` eċċezzjonijiet tal-konvenuti. Il-ġurisprudenza Maltija hija kategorika għall-aħħar, billi teskludi l-possibilità li l-Qorti (jew f'dan il-każ il-Bord) tiddeċiedi barra mill-kontestazzjoni ta` bejn il-partijiet.

Hekk per eżempju, f`**<u>Amato Gauci Veronique et vs Zammit Marco </u>et,** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri, fid-19 ta` Mejju, 2004, il-Qorti rriferiet għal serje ta` deċiżjonijiet mogħtija f`dan is-sens, u kkwotathom fosthom is-segwenti:

*"Illi ghal dak illi jirrigwarda l-azzjonijiet civili, l-procedura tillimita hafna l-inizjattivi li l-Qorti tista tiehu minn rajha. Fost dawn, per ezempju, hemm il-gurisdizzjoni, fejn jekk jirrizultalha illi m`ghandhiex kompetenza jew gurisdizzjoni biex tisma` kawza, l-Qorti tista` "ex-officcio" tqajjem din il-kwistjoni peress illi hi ta` ordni pubbliku. L-istess fil-kaz ta` Mandat in Factum fejn il-Qorti tista` "ex-officcio" tezamina r-ragunijiet ghall-hrug ta` dan il-Mandat (ara* ***<u>Xuereb vs Xuereb</u>*** *Appell 27 ta` Marzu, 2003)…..*

*1. "Huwa principju maghruf illi l-Imhallef civili ghandu, fl-ghoti tas-sentenza f`kawza, joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet, minn naha l-ohra ma jistax jitratta u jirrizolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni*

*tieghu, ammenokke non si tratta minn kwestjonijiet ta` ordni pubbliku li l-Imhallef hu obbligat jirrileva "ex officio" – "**Joseph Gatt –vs- Joseph Galea"**, Appell Civili, 12 ta` Lulju 1965; **"Regina mart Francis Cacciottolo –vs- Francis Cacciottolo**", Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976;*

*2. "Il-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta` ordni pubbliku, altrimenti kwalunkwe kwestjoni legali tkun tista` tigi sollevata mill-Qorti, prattika din mhiex rakkomandabbli li tista` twassal ghal sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq l-eccezzjoni taghha stess" –**"Anthony Hammett noe –vs- Vincent Genovese pro et noe"**, Appell Kummercjali, 31 ta` Jannar 1991;*
*"Fis-sistema gudizzjarja taghna l-Qorti m`ghandhiex tissolleva eccezzjonijiet li m`hijiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta` ordni pubbliku. Dana billi, bhala norma, il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kawza billi joqghod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet. Huwa r-rwol tad-difensur tal-parti u mhux tal-gudikant li jiskogita difizi u eccezzjonijiet dwar kwestjonijiet legali. Diversament il-Qorti tkun qeghda tesponi ruha ghal certi riskji ovvji meta tiddeciedi kawza fuq eccezzjoni li tissolleva hi stess, meta m`hijiex awtorizzata espressament li taghmel hekk" – **"Edwin Grech –vs- Antida Saglimbene et",** Qorti tal-Kummerc, 9 ta` April 1992.*

Deċiżjoni oħra f`dan is-sens kienet, dik mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Ċivili Inferjuri, fl-ismijiet, **Borg vs Halmann Limited,** fl-20 ta` Ottubru, 2003, fejn ingħad li:

*"Hu principju maghruf illi fl-ghoti tas-sentenza f`kawza l-gudikant ghandu joqghod rigorozament fil-limiti tal-kontestazzjoni b`mod illi waqt li hu obbligat jokkupa ruhu mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-gudizzju mill-partijiet; minn naha l-ohra ma jistax jittratta u jirrisolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx ghad-decizjoni tieghu. Dan*

*dejjem salv meta non si tratta minn kwestjoni ta` ordni pubbliku fejn allura l-gudikant hu obbligat li jirrileva `ex officio`. Ara* ***<u>"Cacciattolo utrinque"</u>****, Appell Civili, 30 ta` Gunju 1976."*

L-istess intqal fi **<u>Grech vs Saglimene</u> et** deċiża fid-9 ta` April, 1992, mill-Qorti tal-Kummerċ. Fis-sentenza fl-ismijiet, **<u>Grech John vs Saviour Abela,</u>** deċiża fil-11 ta` Ġunju, 1996, il-Qorti tal-Appelli Ċivili Inferjuri rrevokat id-deċiżjoni mogħtija mill-ewwel Qorti, u qalet is-segwenti:

*"Jidher li l-Ewwel Qorti minghjar ma kien hemm eccezzjoni ad hoc u minghajr ma giet mitluba, iddecidiet fuq il-validita` o meno ta` l-iskrittura Dok P1. Fuq dan jizdied biss illi l-istess konvenut meta kkontesta l-kawza fil-prim` istanza ma semma xejn dwar kemm kien jikkunsidra valida jew mhux valida l-iskrittura Dok P1 li biha intrabat kif hemm fiha, izda kkontesta biss l-ammont ta` l-appogg. Fil-fehma ta` din il-Qorti, ghalhekk, l-ewwel Qorti ma kellhiex dritt li minghajr ma l-partijiet jikkontestaw il-validita` ta` l-iskrittura msemmija, tiddeciedi li hi invalida fil-ligi u wisq anqas kellha d-dritt illi tiddeciedi li kienet invalida minhabba vizzju tal-kunsens da parti tal-konvenut, li kif inghad hu stess ma kkontestahiex, gal dik li hi validita`.....Jidher ukoll li l-Ewwel Qorti ghamlet konsiderazzjonijiet dwar il-kostruzzjoni jew l-istat ta` kostruzzjoni hazin tal-hajt li effettivament gie mwaqqa` mill-konvenut u danni li seta` sofra l-konvenut – kif jidher mill-istess sentenza. Bir-rispett kollu, pero` din il-**Qorti ma tarax illi dan kien fit-termini tal-vertenza li kienet quddiem l-Ewwel Qorti u dak li gie kkunsidrat minnha kien effettivament kompletament extra petita** u ma kienx jifforma anqas parti mid-dibattitu li sar fil-prim` istanza. Din il-Qorti tifhem is-sens ta` gustizzja li ppruvat turi l-Ewwel Qorti fil-materja in disputa bejn il-partijiet, pero` wiehed irid joqghod ghal-limitazzjoni li timponi l-ligi procedurali li ma tippermettix illi jsir dak illi sar f` dan il-kaz."*
(enfażi miżjud minn dan il-Bord)

Dan il-Bord iqis li minn qari tar-rikors promotur, jirriżulta b'mod ċar illi din l-ażżjoni ġiet imsejsa fuq l-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ġie wkoll ikkonfermat mil-legali tar-rikorrenti waqt it-trattazzjoni orali li saret. Minn eżami tal-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kap 199 jelenka varji elementi li għandhom jiġu osservati, u ċioè:

(i) li jiġi ppreżentat rikors lil dan il-Bord;
(ii) ir-rikors ikun fih dettalji tat-tibdil propost; u
(iii) ir-rikors ikun ġie ppreżentat mhux aktar tard minn tliet xhur qabel id-data li fiha t-terminu jagħlaq.

Iżda fl-ebda hin ma jelenka r-rekwiżiti rikjesti fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tal-Kap 199, u ċioè:

(i) raġunijiet dettaljati l-għala jrid jieħu lura l-pussess; u
(ii) talba għal-likwidazzjoni ta' kull kumpens li jkollu jitħallas skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Għalkemm l-intimati qed jargumentaw li dan ir-rikors jikkontjeni proprju talba għal ripreża tal-fond maskerata taht talba għal bdil fil-kondizzjonijiet tal-kera, il-fatt jibqa' li r-rikors promotur ġie msejjes fuq l-Artikolu 3 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk, dan il-Bord ma għandux għalfejn jikkonsidra jekk ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4(1)(a) u 4(1)(b) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta, ġewx inklużi f'dan ir-rikors promotur. Il-kwistjoni dwar imbagħad, jekk talba għal nuqqas ta' tiġdid ta' kera tistax tiġi ordnata minn dan il-Bord, in vista tal-poteri tiegħu li jemanu mill-istess Kap 199, hija kwistjoni oħra li trid tiġi deċiża iktar 'il quddiem, stante li din semmai, tidħol ukoll fi kwistjonijiet fil-mertu ta' dan il-każ. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni, kemm tal-intimati Salvatore Grima, Lino Grima u Miriam Grima, kif ukoll l-ewwel eċċezzjoni ta' l-intimata Maria Grima, sejrin jiġu miċħuda minn dan il-Bord.

Dan il-Bord lanqas ma jqis li t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimati Salvatore Grima, Lino Grima u Miriam Grima, kif ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-intimata Maria Grima, hija waħda fondata. L-azzjoni meħuda mir-rikorrenti saret ai termini tal-Artikolu 3 tal-Kap 199, u huwa fid-dawl ta' dak l-artikolu li dan il-Bord sejjer jisma' u jevalwa dan il-każ. Il-premessi kollha flimkien mat-

talba magħmula fir-rikors promotur, huma kollha ċari. Fl-ebda ħin ma ġie nvokat jew sar xi aċċenn, għal dak li jiddisponi l-Artikolu 4 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, f'għajnejn dan il-Bord ma hemmx kwistjoni li fiha jista' jiġi nvokat il-prinċipju legali *electa una via non datum recursus ad alteram.*

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, dan il-Bord qiegħed jiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimati Salvatore Grima, Lino Grima u Miriam Grima, kif ukoll l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimata Maria Grima.

Spejjeż jibqgħu riservati għal ġudizzju finali.

Chairman Dr Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur